II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 449/2010

tal-25 ta' Mejju 2010

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 747/2001 fir-rigward ta' kwoti tariffarji tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u prodotti agrikoli proċessati li joriġinaw mill-Eġittu u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 2276/2003, (KE) Nru 955/2005, (KE) Nru 1002/2007 u (KE) Nru 1455/2007

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 747/2001 tad-9 ta' April 2001 li jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' tariffa ta' kwoti tal-Komunità u ta' kwantitajiet ta' referenza għall-prodotti eliġibbli għal preferenzi bis-saħħa ta' ftehim ma ċerti pajjiżi tal-Mediterran u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1981/94 u (KE) Nru 934/95 [1], u partikolarment l-Artikolu 5(1)(b) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-2008 ġie konkluż Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu li jittratta miżuri reċiproċi ta' liberalizzazzjoni fuq prodotti agrikoli, prodotti agrikoli proċessati u l-ħut u prodotti tas-sajd, u s-sostituzzjoni tal-Protokolli 1 u 2 u l-annessi u l-emendi tagħhom għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq in-naħa l-waħda, u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, fuq in-naħa l-oħra, minn ħawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', li ġie approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/240/UE [2].

(2) Il-Ftehim jipprovdi għal kwoti ġodda ta' tariffi għal prodotti agrikoli u prodotti agrikoli proċessati li joriġinaw mill-Eġittu. Il-Ftehim jipprovdi għal tibdiliet fil-kwoti tariffarji eżistenti għal dawk il-prodotti li huma stipulati fir-Regolament (KE) Nru 747/2001, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2276/2003 tat-22 ta' Diċembru 2003 li jiftaħ kwoti ta' tariffi u jistabbilixxi d-dazji applikabbli fi ħdan dawn il-kwoti ta' tariffi għall-importazzjoni fil-Komunità Ewropea ta' ċerti prodotti agrikoli proċessati li joriġinaw fl-Eġittu [3], ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 955/2005 tat-23 ta' Ġunju 2005 li jiftaħ kwota ta' importazzjoni tal-Komunità għal ross li joriġina mill-Eġittu [4], ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1002/2007 tad-29 ta' Awwissu 2007 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2184/96 li jikkonċerna l-importazzjonijiet fil-Komunità tar-ross li joriġina u ġej mill-Eġittu [5] u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1455/2007 tal-10 ta' Diċembru 2007 li jiftaħ ċerti kwoti tal-importazzjoni tal-Komunità għal ross li joriġina fl-Eġittu [6].

(3) Huwa neċessarju li jiġu implimentati l-kwoti tariffarji l-ġodda u t-tibdiliet għall-kwoti tariffarji eżistenti pprovduti fil-Ftehim. Għal raġunijiet ta' ċarezza, ikun xieraq i l-kwoti tariffarji għal prodotti agrikoli u prodotti agrikoli proċessati li joriġinaw mill-Eġittu jinġabru f'att leġiżlattiv uniku.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 747/2001 għandu għalhekk jiġi emendat f'dak is-sens u r-Regolamenti (KE) Nru 2276/2003, (KE) Nru 955/2005, (KE) Nru 1002/2007 (KE) Nru 1455/2007 għandhom għalhekk jitħassru.

(5) Il-liċenzji tal-importazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 955/2005 u r-Regolament (KE) Nru 1002/2007 huma validi mid-data tal-ħruġ tagħhom sal-aħħar tax-xahar ta' wara. Meta l-perjodu ta' validità għal-liċenzji ta' importazzjoni maħruġa skont ir-Regolamenti qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jiskadi wara d-data tat-tħassir ta' dawk ir-Regolamenti, l-importaturi ma jkunux jistgħu jibqgħu konformi mal-obbligi relatati mal-liċenzji tal-importazzjoni. L-Istati Membri għandhom għalhekk f'każi bħal dawn jitħallew japplikaw id-deroga mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 376/2008 tat-23 ta' April 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzji tal-importazzjoni u

[1] ĠU L 109, 19.4.2001, p. 2.
[2] ĠU L 106, 28.4.2010, p. 39.
[3] ĠU L 336, 23.12.2003, p. 46.
[4] ĠU L 164, 24.6.2005, p. 5.
[5] ĠU L 226, 30.8.2007, p. 15.
[6] ĠU L 325, 11.12.2007, p. 74.

tal-esportazzjoni u ta' ċertifikati ta' iffissar bil-quddiem għal prodotti agrikoli [1], u biex tkun rilaxxata s-sigurtà mitluba mill-importaturi. Fl-interess taċ-ċarezza għandu jkun ipprovdut ukoll li l-liċenzji tal-importazzjoni maħruġa wara li jkun daħal fis-seħħ dan ir-regolament skont ir-Regolament (KE) Nru 955/2005 u r-Regolament (KE) Nru 1002/2007 għandhom ikunu validi biss sad-data li fiha jitħassru dawk ir-Regolamenti.

(6) Għall-fini tal-kalkolu tal-kwoti tat-tariffi għall-ewwel sena tal-applikazzjoni, skont il-Ftehim, għandu jiġi pprovdut li l-kwantitajiet tal-kwoti tat-tariffi li għalihom il-perjodu tal-kwota jibda qabel id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, għandu jitnaqqas proporzjonalment skont dik il-parti tal-perjodu li tkun għaddiet qabel id-data.

(7) Minħabba li l-Ftehim jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2010, dan ir-Regolament għandu japplika minn dik id-data. Madanakollu, fl-interess taċ-ċertezzi legali, id-dispożizzjonijiet dwar il-validità tal-liċenzji maħruġa qabel din id-data għandhom japplikaw immedjatament.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 747/2001 jinbidel bit-test fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ir-Regolamenti (KE) Nru 2276/2003, (KE) Nru 955/2005, (KE) Nru 1002/2007 u (KE) Nru 1455/2007 huma revokati.

Artikolu 3

1. Il-validità tal-liċenzji ta' importazzjoni maħruġa b'data ta' skadenza wara l-31 ta' Mejju 2010 skont ir-Regolament (KE) Nru 955/2005 u r-Regolament (KE) Nru 1002/2007 qabel ma jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament għandu jiskadi fil-31 ta' Mejju 2010.

Permezz ta' deroga mill-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008, sat-30 ta' Ġunju 2010 d-detentur titolari tal-liċenzji tal-importazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu jista' jirritorna l-liċenzji tal-importazzjoni mhux użati lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati li għandhom jirrilaxxaw il-garanzija tal-kwantitajiet mhux użati.

2. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 955/2005 u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KE) Nru 1002/2007, il-perjodu ta' validità tal-liċenzji tal-importazzjoni maħruġa skont dawk ir-Regolamenti wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ma għandux ikun estiż wara l-31 ta' Mejju 2010.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mill-1 ta' Ġunju 2010 bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 3 li għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Mejju 2010.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

[1] ĠU L 114, 26.4.2008, p. 3.

ANNESS

"ANNESS IV

L-EĠITTU

Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem użat fid-deskrizzjoni tal-prodotti għandu jitqies biss bħala wieħed ta' valur indikattiv, bl-iskema preferenzjali tkun determinata, fi ħdan il-kuntest ta' dan l-Anness, permezz tal-kopertura tal-kodiċi tan-NM kif jeżistu dakinhar tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament. Fejn ex kodiċijiet tan-NM huma indikati, l-iskema preferenzjali għandha tiġi ddeterminata bl-applikazzjoni tal-kodiċi tan-NM u d-deskrizzjoni li tikkorrispondi meħuda flimkien.

Kwoti Tariffarji

Nru tas-serje	Kodiċi NM	Subdiviżjoni tat-TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Il-volum tal-kwota (f'tunnellati ta' piż nett)	Dazju fuq il-kwota
09.1712	0703 20 00		Tewm, frisk jew imkessaħ	Mill-1.6 sat-30.6.2010	727	Eżenzjoni
				Mill-15.1.2011 sat-30.6.2011 u għal kull perjodu sussegwenti mill-15.1 sat-30.6	4 000 (1)	
09.1783	0707 00 05		Ħjar, frisk jew imkessaħ	Mill-15.11.2010 sal-15.5.2011 u għal kull perjodu sussegwenti mill-15.11 sal-15.5	3 000 (2)	Eżenzjoni (3)
09.1784	0805 10 20		Larinġ ħelu, frisk	Mill-1.12 sal-31.5	36 300 (4)	Eżenzjoni (5)
09.1799	0810 10 00		Frawli, frisk	Mill-1.10.2010 sat-30.4.2011	10 000	Eżenzjoni
				Mill-1.10.2011 sat-30.4.2012	10 300	
				Mill-1.10.2012 sat-30.4.2013	10 609	
				Mill-1.10.2013 sat-30.4.2014	10 927	
				Mill-1.10.2014 sat-30.4.2015	11 255	
				Mill-1.10.2015 sat-30.4.2016 u għal kull perjodu sussegwenti mill-1.10 sat-30.4	11 593	
09.1796	1006 20		Ross bla ħliefa (brown)	Mill-1.6 sal-31.12.2010	11 667	Eżenzjoni
				Mill-1.1 sal-31.12.2011	20 600	
				Mill-1.1 sal-31.12.2012	21 218	
				Mill-1.1 sal-31.12.2013	21 855	
				Mill-1.1 sal-31.12.2014	22 510	

Nru tas-serje	Kodiċi NM	Subdiviżjoni tat-TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Il-volum tal-kwota (f'tunnellati ta' piż nett)	Dazju fuq il-kwota
				Mill-1.1 sal-31.12.2015 u għal kull perjodu sussegwenti mill-1.1 sal-31.12	23 185	
09.1797	1006 30		Ross nofsu miṫhun jew miṫhun kollu, kemm jekk illustrat jew igglejżjat jew le	Mill-1.6 sal-31.12.2010	40 833	Eżenzjoni
				Mill-1.1 sal-31.12.2011	72 100	
				Mill-1.1 sal-31.12.2012	74 263	
				Mill-1.1 sal-31.12.2013	76 491	
				Mill-1.1 sal-31.12.2014	78 786	
				Mill-1.1 sal-31.12.2015 u għal kull perjodu sussegwenti mill-1.1 sal-31.12	81 149	
09.1798	1006 40 00		Ross imfarrak	Mill-1.6 sal-31.12.2010	46 667	Eżenzjoni
				Mill-1.1 sal-31.12.2011	82 400	
				Mill-1.1 sal-31.12.2012	84 872	
				Mill-1.1 sal-31.12.2013	87 418	
				Mill-1.1 sal-31.12.2014	90 041	
				Mill-1.1 sal-31.12.2015 u għal kull perjodu sussegwenti mill-1.1 sal-31.12	92 742	
09.1785	1702 50 00		Fruktows kimikalment pur f'forma solida	Mill-1.6 sal-31.12.2010	583	Eżenzjoni
				Għal kull perjodu sussegwenti mill-1.1 sal-31.12	1 000	
09.1786	ex 1704 90 99	91 99	Ħelu taz-zokkor ieħor li ma fihx kawkaw, li fih 70 % jew aktar tal-piż tas-sukrows (inkluż zokkor maqlub (invert) imfisser bħala sukrows)	Mill-1.6 sal-31.12.2010	583	Eżenzjoni
				Mill-1.1 sal-31.12.2011	1 100	
				Mill-1.1 sal-31.12.2012	1 210	
				Mill-1.1 sal-31.12.2013	1 331	
				Mill-1.1 sal-31.12.2014	1 464	
				Mill-1.1 sal-31.12.2015 u għal kull perjodu sussegwenti mill-1.1 sal-31.12	1 611	

Nru tas-serje	Kodiċi NM	Subdiviżjoni tat-TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Il-volum tal-kwota (f'tunnellati ta' piż nett)	Dazju fuq il-kwota
09.1787	ex 1806 10 30	10	Trab tal-kakaw miżjud biz-zokkor li fih 70 % jew iktar imma inqas minn 80 % sukrows (inkluż zokkor maqlub (invert) magħruf bħala sukrows) jew isoglukows imfisser bħala sukrows	Mill-1.6 sal-31.12.2010	292	Eżenzjoni
				Mill-1.1 sal-31.12.2011	525	
				Mill-1.1 sal-31.12.2012	551	
				Mill-1.1 sal-31.12.2013	579	
				Mill-1.1 sal-31.12.2014	608	
				Mill-1.1 sal-31.12.2015 u għal kull perjodu sussegwenti mill-1.1 sal-31.12	638	
09.1788	1806 10 90		Trab tal-kakaw miżjud biz-zokkor li fih 80 % jew iktar tal-piż tas-sukrows (inkluż zokkor maqlub (invert) magħruf bħala sukrows) jew isoglukows imfisser bħala sukrows	Mill-1.6 sal-31.12.2010	292	Eżenzjoni
				Mill-1.1 sal-31.12.2011	525	
				Mill-1.1 sal-31.12.2012	551	
				Mill-1.1 sal-31.12.2013	579	
				Mill-1.1 sal-31.12.2014	608	
				Mill-1.1 sal-31.12.2015 u għal kull perjodu sussegwenti mill-1.1 sal-31.12	638	
09.1789	ex 1806 20 95	90	Ċikkulata jew preparazzjonijiet oħrajn tal-ikel li fihom il-kawkaw, fi blokok, ċangaturi jew biċċiet sħaħ li jiżnu iktar minn 2 kg jew f'forma likwida, pejst, trab, granulat jew xi forma oħra fi kwantità, f'reċipjenti jew ippakkjati għall-konsum, b'kontenut li jaqbeż iż-2 kg, li fih inqas minn 18 % f'piz ta' butir tal-kawkaw li fih 70 % jew aktar tal-piż tas-sukrows (inkluż zokkor maqlub (invert) imfisser bħala sukrows)	Mill-1.6 sal-31.12.2010	292	Eżenzjoni
				Mill-1.1 sal-31.12.2011	525	
				Mill-1.1 sal-31.12.2012	551	
				Mill-1.1 sal-31.12.2013	579	
				Mill-1.1 sal-31.12.2014	608	
				Mill-1.1 sal-31.12.2015 u għal kull perjodu sussegwenti mill-1.1 sal-31.12	638	
09.1790	ex 1901 90 99	36 95	Preparazzjonijiet oħrajn tal-ikel tad-dqiq, xgħir u barli mitħun oħxon, nuħħala, lamtu jew estratt tax-xgħir, li ma fihomx kawkaw jew li fihom inqas minn 40 % kawkaw fil-piż ikkalkulat fuq bażi kompletament bla xaħam, li mhumiex speċifikati jew inklużi x'imkien ieħor, preparazzjonijiet tal-ikel tal-prodotti tal-intestaturi mill-0401 sal-0404, li ma fihomx kawkaw jew li fihom inqas minn 5 % kawkaw fil-piż ikkalkulat fuq bażi kompletament bla xaħam, li mhumiex speċifikati jew inklużi x'imkien ieħor, li fihom 70 % jew aktar f'piż ta' sukrows/isoglukows	Mill-1.6 sal-31.12.2010	583	Eżenzjoni
				Mill-1.1 sal-31.12.2011	1 100	
				Mill-1.1 sal-31.12.2012	1 210	
				Mill-1.1 sal-31.12.2013	1 331	
				Mill-1.1 sal-31.12.2014	1 464	
				Mill-1.1 sal-31.12.2015 u għal kull perjodu sussegwenti mill-1.1 sal-31.12	1 611	

Nru tas-serje	Kodiċi NM	Subdiviżjoni tat-TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Il-volum tal-kwota (f'tunnellati ta' piż nett)	Dazju fuq il-kwota
09.1791	ex 2101 12 98	92 97	Preparazzjoni b'bażi ta' kafe, li jkun fiha 70 % jew aktar f'piż ta' sukrows/isoglukows	Mill-1.6 sal-31.12.2010	583	Eżenzjoni
				Mill-1.1 sal-31.12.2011	1 100	
				Mill-1.1 sal-31.12.2012	1 210	
				Mill-1.1 sal-31.12.2013	1 331	
				Mill-1.1 sal-31.12.2014	1 464	
				Mill-1.1 sal-31.12.2015 u għal kull perjodu sussegwenti mill-1.1 sal-31.12	1 611	
09.1792	ex 2101 20 98	85	Preparazzjonijiet b'bażi ta' tè jew mate li jkun fiha 70 % jew aktar f'piż tas-sukrows/isoglukows	Mill-1.6 sal-31.12.2010	292	Eżenzjoni
				Mill-1.1 sal-31.12.2011	525	
				Mill-1.1 sal-31.12.2012	551	
				Mill-1.1 sal-31.12.2013	579	
				Mill-1.1 sal-31.12.2014	608	
				Mill-1.1 sal-31.12.2015 u għal kull perjodu sussegwenti mill-1.1 sal-31.12	638	
09.1793	ex 2106 90 59	10	Ġuleppijiet taz-zokkor oħrajn imħawrin jew ikkuluriti (minbarra l-ġuleppijiet tal-isoglukows, tal-laktows, tal-glukożju u tal-malto-destrin), li fihom 70 % jew aktar f'piż ta' sukrows/isoglukows	Mill-1.6 sal-31.12.2010	292	Eżenzjoni
				Mill-1.1 sal-31.12.2011	525	
				Mill-1.1 sal-31.12.2012	551	
				Mill-1.1 sal-31.12.2013	579	
				Mill-1.1 sal-31.12.2014	608	
				Mill-1.1 sal-31.12.2015 u għal kull perjodu sussegwenti mill-1.1 sal-31.12	638	
09.1794	ex 2106 90 98	26 34 53	Preparazzjonijiet tal-ikel oħrajn li mhumiex speċifikati jew inklużi x'imkien ieħor, ta' tip użat fl-industriji tax-xorb, li fihom 70 % jew aktar f'piż ta' sukrows/isoglukows	Mill-1.6 sal-31.12.2010	583	Eżenzjoni
				Mill-1.1 sal-31.12.2011	1 100	
				Mill-1.1 sal-31.12.2012	1 210	
				Mill-1.1 sal-31.12.2013	1 331	
				Mill-1.1 sal-31.12.2014	1 464	
				Mill-1.1 sal-31.12.2015 u għal kull perjodu sussegwenti mill-1.1 sal-31.12	1 611	

Nru tas-serje	Kodiċi NM	Subdiviżjoni tat-TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Il-volum tal-kwota (f'tunnellati ta' piż nett)	Dazju fuq il-kwota
09.1795	ex 3302 10 29	10	Preparazzjonjiet oħrajn ta' tip użat fl-industriji tax-xorb, li fihom is-sustanzi kollha li jagħtu t-togħma lil xorb partikolari, ta' qawwa alkoħolika attwali b'volum li ma jaqbiżx 0.5 %, li fihom 70 % jew iktar tal-piż ta' sukrows/isoglukows	Mill-1.6 sal-31.12.2010	583	Eżenzjoni
				Mill-1.1 sal-31.12.2011	1 100	
				Mill-1.1 sal-31.12.2012	1 210	
				Mill-1.1 sal-31.12.2013	1 331	
				Mill-1.1 sal-31.12.2014	1 464	
				Mill-1.1 sal-31.12.2015 u għal kull perjodu sussegwenti mill-1.1 sal-31.12	1 611	

(1) Mill-15 ta' Jannar 2011, dan il-volum tal-kwota tariffarja għandu jiżdied kull sena bi 3 % tal-volum tas-sena preċedenti. L-ewwel żieda għandha ssir fuq il-volum ta' 4 000 tunnellata f'piż nett.

(2) Mill-15 ta' Novembru 2011, dan il-volum tal-kwota tariffarja għandu jiżdied kull sena bi 3 % tal-volum tas-sena preċedenti. L-ewwel żieda għandha ssir fuq il-volum ta' 3 000 tunnellata f'piż nett.

(3) L-eżenzjoni tapplika biss għad-dazju ad valorem.

(4) F'din il-kwota ta' tariffa d-dazju speċifiku pprovdut fil-lista tal-Unjoni ta' konċessjonijiet għad-WTO għandu jitnaqqas sa żero għall-perjodu, jekk il-prezz tad-dħul ma jkunx inqas minn EUR. 264/tunnellata, li jkun il-prezz tad-dħul miftiehem bejn l-Unjoni Ewropea u l-Eġittu. Jekk il-prezz tad-dħul għall-kunsinna jkun 2, 4, 6 jew 8 % iktar baxx mill-prezz tad-dħul miftiehem, id-dazju tal-kwota doganali speċifika għandu jkun ugwali rispettivament għal 2, 4, 6 jew 8 % ta' dan il-prezz tad-dħul miftiehem. Jekk il-prezz tad-dħul ta' kunsinna ikun inqas minn 92 % tal-prezz tad-dħul miftiehem, għandu japplika d-dazju doganali speċifiku ffissat mid-WTO.

(5) Anke l-eżenzjoni tad-dazju ad valorem, fil-qafas ta' din il-kwota tat-tariffa."